MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Numru 1376/2007

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

Stephen Alamango

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 201384M, akkuzat talli nhar l-20 ta' Mejju 2007 ghal habta tad-09.15hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra:

(a) bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu meta ghamel

rapport ta’ serq meta s-serq gie provat li ma kienx minnu – Artiklu 295 tal-Kap 9;
(b) fl-istess post, data u cirkustanzi ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b’qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat sar meta ghamel l-imsemmi rapport – Artikolu 110 tal-Kap 9.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikli tal-ligi minnu hemm citati baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti fil-konfront tal-htija jew nuqqas taghha tal-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-artikli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu dawk li bihom l-akkuzat gie mixli fil-kompilazzjoni. L-imputat konsegwentement jinsab akkuzat bi’ frodi dwar sigurta’ kontra r-riskji (Artikolu 295) u b’holqien ta’ reat li jaf li ma sarx (Artiklu 110/2). Dawn l-akkuzi ghandom l-gherq taghhom minn rapport li ghamel l-imputat l-ghassa tal-Qawra fl-20 ta’ Mejju 2007 ta’ serq tal-vettuta tieghu Pajero fil-lejl precedenti. It-tezi tal-Pulizija hi li l-vettura, li nstabet mahbuta f’sigra f’dik l-istess gurnata li fih sar ir-rapport setghet biss instaqet mill-imputat minhabba kif instabet illokkjata u b’xejn nieqes fiha hlief il-wicc tal-istereo. Mill-provi jirrizulta li l-vettura kienet registrata f’isem l-imputat fis-26 ta’ Frar 2004 u baqghet registrata f’ismu sal-14 ta’ Frar 2008. Xehed il-proprjetarju precedenti taghha minghand minn kien xtraha l-imputat li stqarr li huwa kellu biss cavetta wahda tal-vettura u kien bieghha b’din ic-cavetta. Madanakollu, in sostenn tal-ewwel akkuza, ma giex prodott biex jixhed l-ebda rappresentant tal-assikurazzjoni ma’ liema l-vettura kienet assikurata kwindi ma jinsabx pruvat jekk gew riskossi xi flejjes korrispondenti ghad-danni konstatati li soffriet il-vettura u lanqas jekk l-imputat effettivament

ghamilx talba lill-assikurat tieghu biex jigbor l-ispejjes. Dawn skont l-inkjesta magistrerjali kienu gew vaultati ghall-valur ta’ Lm1,500. Fil-fehma tal-Qorti kien ikun ferm siwi kieku l-prosekuzzjoni pproduciet ukoll lil-persuna li appena xi ghaxar xhur wara kienet xtrat il-vettura minghand l-imputat apparti r-rappresentant tal-assikurazzjoni li tul l-erba’ snin li l-kawza kienet ghall-provi taghha ma gie lanqas prodott. Fin-nuqqas ta’ dina x-xhieda difficilment tista’ il-Qorti ssib htija fl-imputat fuq l-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni, il-presuppost hu li kien l-imputat innifsu li saq l-vettura u habbatha ma’ sigra s’intendi biex jiriskwoti d-danni jew sahhansitra l-valur taghha minghand l-assikurazzjoni, meritu tal-ewwel akkuza li kif osservat il-Qorti ma gietx pruvata. Irrispettivament, pero’, hu wkoll difficili li treggi din it-tieni imputazzjoni stante x-xhieda li xehdet f’dawn il-proceduri tafferma li fil-lejl precedenti l-imputat kien ininterrottament mat-tfajla tieghu u raqad id-dar tal-genituri taghha. Ma’ dan hemm ix-xhieda ta’ pulizija li fil-gurnata tal-20 ta’ Mejju kien osserva l-vettura mahbuta fejn instabet aktar tard wara li kien spicca x-shift tieghu u ta’ dan ghamel rapport.

Mix-xhieda li nstemghet il-Qorti mhiex sodisfatta li l-imputazzjoni gew pruvati. Ghaldaqstant qeghdha tillibera lill-imputat minn kull wahda minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------